IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI

Illum 24 ta' Settembru, 2024

Rikors numru: BCT/41/2024

Membri:

Avukat Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.

Perit Robert Sersero BE&A(Hons), A&CE

Ing. Anthony Camilleri B.Mech.Eng (Hons), FVCM (Hons) L. (Mus.) V.C.M. (Hons.), A. (Mus.) L.S.M.

Gordon Gerada obo Gerada Quality Constructions Limited

vs

Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni

It-Tribunal,

Ra l-appell li sar permezz ta' rikors fejn l-appellanti ikkontesta d-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 25 ta' Gunju, 2024 fejn permezz taghha l-Awtorita` imponiet penali amministrattiva fl-ammont ta' tlett elef euro (€3000), oltre ordni ta' twaqqif, u dana peress li "*fil-25 ta' Gunju, 2024, kif ukoll fil-granet ta'qabel, saru xogholijiet ta' twaqqigh, fil-perijodu ta' bejn il-hmistax (15) ta'Gunju u t-tletin (30) ta' Settembru f'Zona Turistika u li ghaldaqstant mhux konformi mat-Tielet Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 623.08*"

Illi permezz tal-appell tieghu l-appellanti ikkontenda s-segwenti:

1. "*L-indirizz tas-sit fejn allegatament kien qed isir ix-xoghol huwa skorrett u it-triq fejn kienu qed isiru x-xogholijiet ma huwiex imnizzel fiz-Zoni Turistici*
2. *Illi x-xoghol li kien qed jsir ma kienx xoghol ta' twaqqiegh, demolizzjoni jew skavar jew xoghol li jista'jigi kkunsidrat bhala tali*
3. *Illi l-Avviz tal-Penali ma huwiex konformi mal-artikolu 23(2)(f) tal-Kap. 623 tal-Ligijiet ta' Malta.*"

Ra r-risposta tal-Awtorita' appellata li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi l-Awtorita` appellata qeghda umilment tissottometti li kwakunkwe decizjoni mehuda kienet in konformita' ma' dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*
2. *Illi fejn si tratta l-allegazzjoni li l-penali ma hijiex konformi ma'dak indikat fl-artikolu 23(2)(f) tal-Att principali, dan ma huwiex minnu. Il-kelma uzata mil-legizlatur huwa 'tista''. F'dan il-kaz ma hemmx x'rimedju li jista' jitwettaq stante li l-ksur sehh, u ghalhekk l-Awtorita` kienet korretta meta imponiet il-penali.*
3. *Illi fejn si tratta n-numeragg mal-fond in kwistjoni l-Awtorita` hija marbuta ma' dak indikat fil-permess ta'zvilupp, liema huwa dak indikat fil-penali;*
4. *Illi rigwardanti it-triq indikata, l-esponenti Awtorita` temmen li sa certu punt hija kwistjoni akkademika u dan minhabba l-fatt li l-awtorita` dwar it-turizmu hija fil-liberta` li temenda l-lista ta' zoni turistici u kwindi tinkludi l-istess triq bil-konsegwenza li ma jsir l-ebda xoghol ghajr dak li jista' jkun koncess minn xi ezenzjoni;*
5. *Ghaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita` appellata qieghda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex jichad l-appell odjern.*
6. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Ra l-atti u d-dokumenti kollha inkluza dawk prezentati fil-mori tad-differimenti annessi mar-rikors b'urgenza tal-istess appellanti.

Ra wkoll illi permezz ta' digriet datat 30 ta' Lulju, 2024 dan it-Tribunal laqa' t-talba kif dedotta permezz tar-rikors urgenti surreferit u kwindi ssospenda l-effetti tal-ordni ta' twaqqif mahruga mill-Awtorita` appellata b'dana li l-mertu tal-istess appell baqa'impregudikat.

Ra dak verbalizzat waqt is-seduti tas-17 ta' Lulju, 2024 u 10 ta' Settembru, 2024.

Ra li bis-seduta tal-10 ta' Settembru, 2024 l-appell thalla ghas-sentenza ghall-lum.

Ikkunsidra

Illi permezz tal-ewwel aggravju tieghu l-appellant jikkontendi li l-indirizz tas-sit fejn allegatament kien qed isir ix-xoghol huwa skorrett u it-triq fejn kienu qed isiru x-xogholijiet ma huwiex imnizzel fiz-oni turistici. F'dan ir-rigward huwa jikkontendi:

> "*illum il-gurnata Triq Tigne hija biss dik il-parti ta' Triq minn Triq Sant Antnin sa Triq it-Torri filwaqt illi t-Triq ta' bejn Triq Sant'Antnin u Triq Censu Scerri illum hija Triq Robert Arrigo. Jigi rilevat li l-allegat zvilupp li qieghed jsir jappartjeni ghal Robert Arrigo Street, Sliema u ghalhekk il-lok ta'fejn allegatament sar il-ksur huwa skorrett.*
> *Illi fuq l-istess binarju jekk wiehed jara l-iskeda tal-ligi li taghti indikazzjoni taz-Zoni ta' Turizmu, wiehed josserva li t-triq bl-isem Robert Arrigo Street, Sliema ma huwiex indikat fl-istess lista u*

ghalhekk ma jistax jintqal li l-izvilupp sar kontra ebda regolament fl-istess ligi."

Illi t-Tribunal fela d-dokumenti ezebiti mill-istess appellanti mar-rikors búrgenza taghhom senjatament l-lista ta'zoni turistici ai fini tal-SL 623.08 pubblikata mill-Awtorita` tat-Turizmu. Huwa car Triq Tigne tinsab indikata bhala triq f'zona turistika imma mhux Triq Robert Arrigo.

Illi mill-istess dokumentazzjoni ezebita, senjatament l-avviz tal-Gazzetta tal-Gvern, jirrizulta li "*parti minn Triq Tigne li tibda k/m ma' Triq Locker/Triq Sant'Antnin u tispicca k/m Triq Censu Xerri* (...) *tissemma` Triq Robert Arrigo*". Mill-istess estratt tal-Gazzetta tal-Gvern jirrizulta li l-avviz huwa datat 7 ta' Novembru, 2023 u cioe` ferm qabel id-data li ghaliha jirreferi l-avviz ta' infurzar.

Illi permezz ta' nota datata 25 ta' Gunju, 2024, il-Perit Michael Stivala informa lill-Awtorita` li s-sit mertu tal-appell odjern kien jinsab f'Robert Arrigo Street li ma kenitx tifforma parti minn zona turistika (u wkoll li x-xoghol li sehh hemm ma kienx jinvolvi demolizzjoni jew skavar).

Illi waqt is-seduta tas-17 ta' Lulju, 2024 l-appellanti issollevaw proprju din il-kwistjoni preliminari u t-Tribunal idderiega lill-appellanti sabiex iressqu l-provi taghhom sabiex jindirizzaw dan il-punt "*b'dana illi l-Awtorita`appellata wkoll ghandha tindika l-posizzjoni taghha f'dan ir-rigward.* (...) *L-Awtorita` ghandha taghmel dan sa mhux aktar tard minn ghaxart ijiem qabel is-seduta li jmiss*".

Illi da parti taghhom l-appellanti ressqu d-dokumentazzjoni surreferita, senjatament l-avviz ta'tibdil fl-isem tat-triq u l-elenku taz-zoni turistici pero` l-Awtorita` baqghet ma fissritx il-posizzjoni taghha entro t-terminu moghti kif ivverbalizzat waqt is-seduta tas-17 ta' Lulju, 2024.

Illi madanakollu waqt is-seduta tal-10 ta' Settembru, it-Tribunal gie infurmat li "*l-Awtorita' ressqet talba għall-informazzjoni mal-Awtorita' tat-Turiżmu imma sal-lum tali informazzjoni baqgħet ma tressqitx.*" Gie verbalizzat ukoll li "*b'żieda ma' dak appena vverbaliżżat,* (…) *sal-lum il-ġurnata Triq Robert Arrigo għada ma ġietx inkluża bħala Triq f'żona turistika u dana peress illi ma ħariġx avviż opportun fil-Gażżetta tal-Gvern.*"

In vista ta' dak li ġie ddikkjarat, l-appellanti ddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi x'jipproducu u l-Awtorita` wkoll issottomettiet ruhha ghad-decizjoni tat-Tribunal.

Illi ghaldaqstant mill-provi prodotti jirrizulta car li mhux biss fil-25 ta'Gunju, 2024 is-sit li fih kienu allegatament qed isiru xogholijiet kien teknikament jinsab fi Triq Robert Arrigo (u mhux aktar fi Triq Tigne) imma wkoll li Triq Robert Arrigo ma kenitx ikkunsidrata, ai fini tal-ligi, bhala sitwata f'zona turistika. Logikament u legalment allura, sakemm ix-xoghol kien qed jitwettaq fi Triq Robert Arrigo, l-akkuza kontenuta fl-avviz ta' infurzar ma tistax tirrizulta proprju ghaliex, filwaqt li l-Legizlatur ha hsieb li jbiddel l-isem tat-triq, ma hax daqstant iehor hsieb li jaggorna l-lista ta' zoni turistici sabiex possibilment jinkludi l-isem gdid tat-triq f'tali lista. Il-konsegwenza ta' dan kollu huwa proprju dak li Triq Robert Arrigo sfat eskluza miz-zoni turistici u li ghalhom tapplika il-projbizzjoni ta' xogholijiet fix-xhur tas-Sajf.

Decide

Għaldaqstant it-Tribunal, in vista tar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, qiegħed jilqa' l-ewwel aggravju preliminari tal-appellanti, jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tal-aggravji u konsegwentement jilqa' l-appell u jhassar id-decizjoni datata 25 ta' Gunju, 2024.

Dr Philip M. Magri	**Perit Robert Sersero**	**Ing. Anthony Camilleri**
Chairperson	Membru	Membru